

Brussell, 30 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9439/24

DUAL USE 39
POLCOM 203
COMER 87
RECH 254
ENER 255
ENV 557
CFSP/PESC 650

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-White Paper dwar il-Kontrolli tal-Esportazzjoni

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-White Paper dwar il-Kontrolli tal-Esportazzjoni, kif approvati mill-Kunsill fl-4030 laqgħa tiegħu.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL

dwar il-White Paper dwar il-Kontrolli tal-Esportazzjoni

FILWAQT LI JFAKKAR

- A. Il-Komunikazzjoni Konġunta tal-20 ta' Ġunju 2023 mill-Kummissjoni Ewropea u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew u lill-Kunsill dwar Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika¹.
- B. Il-pubblikazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea fl-24 ta' Jannar 2024 ta' White Paper dwar il-Kontrolli tal-Esportazzjoni² fil-kuntest ta' pakkett komprensiv dwar il-kummerċ, l-investiment u r-riċerka bħala parti mit-tnedija ta' Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika, inkluż

l-analiżi tal-Kummissjoni Ewropea tas-sistema attwali ta' kontroll tal-esportazzjoni tal-UE għal oġġetti b'użu ċivili u militari (oġġetti b'użu doppju), fl-interess tar-rispett tas-sigurtà internazzjonali u s-salvagwardja tal-interessi tas-sigurtà tal-UE fil-kuntest tal-iżviluppi ġeopolitiċi; l-isfidi eżistenti kif identifikati mill-Kummissjoni Ewropea u l-għan tagħha li tniedi diskussjoni dwar it-tisħiħ tal-effettività tas-sistema attwali tal-UE ta' kontroll tal-esportazzjoni; u

l-erba' "Tweġibiet Proposti" fil-White Paper dwar il-Kontrolli tal-Esportazzjoni li dwarhom il-Kummissjoni Ewropea qed tippjana li tippromovi azzjoni kemm fuq medda qasira ta' żmien kif ukoll fuq medda medja ta' żmien.

FILWAQT LI JENFASIZZA

- A. Li l-kontroll tal-esportazzjoni għal oġġetti b'użu doppju huwa għodda fundamentali biex jiġi żgurat l-paċi u l-istabbiltà internazzjonali.

¹ ST 10919/23

² ST 5859/24

Barra minn hekk, huwa ta' importanza vitali li jiġi żgurat li l-impenji u r-responsabbiltajiet internazzjonali tal-Istati Membri u tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-rigward tan-nonproliferazzjoni, il-paċi reġjonali, is-sigurtà u l-istabbiltà u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u d-dritt umanitarju internazzjonali, jiġu rrispettati.

- B. L-importanza kbira tal-impenn tal-Istati Membri għar-Reġimi Multilaterali ta' Kontroll tal-Esportazzjoni, peress li jsostnu l-azzjonijiet tagħhom b'appoġġ għall-kontinwazzjoni ta' approċċ multilaterali għall-kontroll tal-esportazzjoni u t-tisħiħ tal-funzjonament ta' dawn ir-reġimi, li huwa fundamentali fil-prevenzjoni tal-proliferazzjoni tal-armi ta' qerda massiva u s-sistemi ta' kunsinna tagħhom u l-evitar tal-akkumulazzjoni mhux mixtieqa ta' armi konvenzjonali u l-promozzjoni tal-paċi internazzjonali.
- C. Dak il-kontroll tal-esportazzjoni huwa l-aktar effettiv meta jiġi applikat b'mod multilaterali filwaqt li jinżammu kundizzjonijiet ekwi, u jitrawwem il-ftuħ u klima favorevoli għar-riċerka u l-innovazzjoni.
- D. Il-ħtieġa li jsir użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti biex jiġu kkontrollati l-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju, fir-rigward tal-kompetenzi u r-responsabbiltajiet tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, filwaqt li tissaħħaħ il-ħidma li għaddejja biex jiġi implimentat bis-sħiħ ir-Regolament (UE) 2021/821 attwali dwar Oġġetti b'Użu Doppju³.
- E. L-importanza u l-prijorità tal-koordinazzjoni fost l-Istati Membri fl-implimentazzjoni sħiħa tar-Regolament (UE) 2021/821 attwali, u r-rwol tal-Kummissjoni Ewropea biex tiffaċilita t-tali koordinazzjoni, speċjalment fl-organizzazzjoni tal-laqgħat tal-"Grupp ta' Koordinazzjoni dwar l-Użu Doppju skont l-Artikolu 24", il-laqgħat tal-"Mekkaniżmu ta' Koordinazzjoni tal-Infurzar tal-Artikolu 25(2)" u l-laqgħat relatati tal-gruppi ta' esperti tekniċi; u s-"Sistema Elettronika għall-Oġġetti b'Użu Doppju (DUeS)" li tappoġġa l-kooperazzjoni diretta u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri kif previst fl-Artikolu 23(6) tar-Regolament (UE) 2021/821.

³ Ir-Regolament (UE) 2021/821 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi reġim tal-Unjoni għall-kontroll tal-esportazzjonijiet, is-sensurija, l-assistenza teknika, it-tranżitu u t-trasferiment ta' oġġetti b'użu doppju (riformulazzjoni), *ĠU L 206, 11.6.2021, p. 1-461*.

- A. Li, mingħajr ma neċessarjament jaqbel ma' jew jipprekludi aktar diskussjoni tal-Kunsill dwar l-analiżi tal-White Paper tas-sistema internazzjonali ta' kontroll tal-esportazzjoni, ambjent ġeopolitiku li qed jinbidel iġib miegħu sfidi ġodda, inkluż fil-qasam tal-kontroll tal-esportazzjoni.
- B. Il-mandat tal-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Merkanzija ta' Użu Doppju bħala l-forum ta' politika magħżul għal diskussjonijiet dwar il-kontroll tal-esportazzjoni b'użu doppju fil-Kunsill u l-ħidma mwettqa mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Merkanzija ta' Użu Doppju wara l-pubblikazzjoni tal-White Paper dwar il-Kontrolli tal-Esportazzjoni.
- C. Li l-konklużjonijiet ta' hawn taħt jirrigwardaw speċifikament it-"Tweġibiet Proposti" fil-White Paper dwar il-Kontrolli tal-Esportazzjoni u huma mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe fehma ġenerali mill-Kunsill dwar Strateġija Ewropea ta' Sigurtà Ekonomika u r-rwol tal-kontroll tal-esportazzjoni fiha.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA:

1. JISTIEDEN li ssir analiżi ulterjuri mill-Kummissjoni, flimkien mal-Istati Membri, mingħajr preġudizzju għad-dritt ta' inizjattiva tal-Kummissjoni, tal-possibbiltà li jintuża l-Artikolu 17 eżistenti tar-Regolament (UE) 2021/821⁴ bħala bażi għal Att Delegat tal-Kummissjoni għall-fini tal-introduzzjoni temporanja ta' punti ġodda fl-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 li jirrifletti l-impenji aċċettati mill-Istati Membri fil-qafas tar-Reġim Multilaterali ta' Kontroll tal-Esportazzjoni bħala membri ta' daww ir-Reġimi.
2. IQIS emenda tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2021/821 permezz ta' proċedura leġislattiva ordinarja biex temporanjament jizziedu punti ġodda bħala mhux xierqa biex jirriflettu l-impenji internazzjonali meħuda mill-Istati Membri b'appoġġ għar-Reġimi Multilaterali ta' Kontroll tal-Esportazzjoni b'mod effiċjenti u sostenibbli.

⁴ L-Artikolu 17 bħalissa jintuża għall-emendi perġodici tal-Anness I biex jiġu inkorporati l-kontrolli miftiehma fir-Reġimi Multilaterali ta' Kontroll tal-Esportazzjoni jew li jirriżultaw mit-trattati internazzjonali rilevanti. L-analiżi proposta hija mingħajr preġudizzju għal dan l-użu attwali.

3. IFAKKAR li l-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Merkanzija ta' Użu Doppju huwa l-forum li l-Kunsill tah il-kompitu li jħejji l-ħidma tal-Kunsill u li jipprovdi gwida politika fil-qasam tal-politika ta' kontroll tal-esportazzjoni ta' oġġetti b'użu doppju u kwistjonijiet relatati.
4. JINKORAĠĠIXXI lill-Presidenza tal-Kunsill biex tagħmel użu sħiħ mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Merkanzija ta' Użu Doppju, inkluż billi torganizza laqgħat perjodiċi ta' Livell Għoli tal-grupp ta' ħidma dwar kwistjonijiet ewlenin ta' politika ta' kontroll tal-esportazzjoni, fejn meħtieġ, f'format sigur u kunfidenzjali, u billi jirrapporta lura lill-COREPER u lill-Kunsill, kif adatt.
5. JISSOTTOLINJA li l-kontrolli nazzjonali jibqgħu kompetenza tal-Istati Membri u huma strument biex jiġi indirizzat it-tħassib dwar is-sigurtà nazzjonali, u għaldaqstant li kwalunkwe Rakkomandazzjoni dwar il-koordinazzjoni volontarja tal-listi ta' kontroll nazzjonali għandha tkun mingħajr preġudizzju għall-kapaċità tal-Istat Membru li jaġixxi b'reazzjoni għat-tħassib dwar is-sigurtà nazzjonali, għandha tqis id-differenzi fis-sistemi legali tal-Istati Membri, u għandha ikunu konxja tal-konsegwenzi għall-piż amministrattiv.
6. JAGĦRAF l-importanza tal-koordinazzjoni fost l-Istati Membri biex tiġi żgurata kemm l-implimentazzjoni sħiħa kif ukoll effettiva tar-Regolament (UE) 2021/821 speċifikament dwar l-adozzjoni tal-listi ta' kontroll nazzjonali.
7. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tiżgura l-ippjanar ta' biżżejjed laqgħat kif previst skont l-Artikolu 24 u 25(2) tar-Regolament (UE) 2021/821, sabiex il-koordinazzjoni effiċjenti bejn l-Istati Membri fl-implimentazzjoni u l-infurzar tar-Regolament (UE) 2021/821 tkun tista' sseħħ bl-intensità u l-frekwenza meħtieġa, u b'mod sigur u kunfidenzjali.
8. JISTENNA B'INTERESS il-ħidma lejn l-adozzjoni mill-Kummissjoni u mill-Kunsill tar-Rakkomandazzjoni għal koordinazzjoni aħjar tal-Listi ta' Kontroll Nazzjonali f'konformità mal-Artikolu 26(1) tar-Regolament (UE) 2021/821, b'kont meħud tal-konklużjonijiet dwar it-terminoloġija tal-listi ta' kontrolli nazzjonali milħuqa fil-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Merkanzija ta' Użu Doppju, u inputs oħra mill-Istat Membru.

9. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex l-ewwel u qabel kollox jimplimentaw ir-Regolament (UE) 2021/821 attwali u jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti eżistenti disponibbli għall-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti b'użu doppju.
10. JIEĦU NOTA tal-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi antiċipat iż-żmien tal-evalwazzjoni tar-Regolament (UE) 2021/821 dwar Oġġetti b'Użu Doppju u jqis li għandha tingħata prijetà lill-implimentazzjoni tar-Regolament, filwaqt li jfakkar li xi dispożizzjonijiet u għodod għad iridu jintużaw jew qed jiġu ttestjati bħalissa.
11. JISTIEDEN lill-Kummissjoni biex tinvolvi lill-Istati Membri fl-istabbiliment ta' termini ta' referenza tal-istudju li jappoġġa l-evalwazzjoni.
12. JISTIEDEN lill-Kummissjoni żżomm lill-Kunsill infurmat dwar l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet, inkluż billi tirrapporta lura lill-korpi preparatorji adatti tal-Kunsill u tfittex feedback minnhom, bħall-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar Merkanzija ta' Użu Doppju.
